**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR.GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 690/12**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**

**Vs**

**Joseph Muscat**
**Gordon Dimech**

**Illum 14 ta' Lulju 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' **Joseph Muscat**, iben Joseph u Carmen neè Borg, imwieled fis-17 ta' Settembru 1985 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 476085(M) u fil-konfront ta' **Gordon Dimech**, iben Samuel u Annie neè Cucciardi, imwieled Pietà fl-1 ta' Ġunju 1977 u detentur tal-Karta ta' l-Identità bin-Numru 300577(M), talli nhar il-31 ta' Marzu 2011 għall-ħabta ta' 15:30hrs u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer:

1. Sabiex jiksbu vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz billi waħħlu liċenzja tal-windscreen li tappartjeni vettura oħra bin-Numru ta' Reġistrazzjoni oriġinali CBE-586 u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CBB-182, liema numri jappartjenu vetturi oħra;
2. Għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħlu liċenzja tal-windscreen bin-numru serjali G-096294 li tappartjeni vettura oħra bin-Numru ta' Reġistrazzjoni oriġinali CBE-586 u Numru ta' Reġistrazzjoni oriġinali CBB-182;
3. Bħala persuni għad li ma kienux waħda mill-persuni imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) b'xi mod li jkun xjentement għenu jew assistew lill-awturi tad-delitt att li bihom id-delitt ikun ġie preparat jew ikkunsmat;

Rat l-akkuża miġjuba fil-konfront ta' **Gordon Dimech waħdu** talli fil-31 ta' Marzu 2011 u fix-xhur ta' qabel għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja ta' l-awtorità kompetenti meta din il-ličnejża hija meħtieġa minn Liġi jew minn regolamenti meta għamilha ta' Auto Dealer;

Rat l-affidavit ta' PS1195 C. Debattista a fol. 2 sa' 4 tal-proċess u l-affidavit ta' Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta, u d-dokumenti annessi miegħu a fol. 7 sa' 9 tal-proċess u rat l-affidavit ta' Keith Caruana a fol. 14 tal-proċess;

Rat id-Digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha datat 3 ta' Lulju 2012[1], permezz ta' liema iddikjarat illi *f'każ ta' ħtija ai termini ta' l-Artikolu 167(3) tal-Kapitolu 9, il-piena teżorbita l-kompetenza tagħha u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha. Il-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex l-atti jintbagħtu lill-Qorti li tisma' l-kumpilazzjonijiet;*

Rat id-Digriet datat 2 ta' April 2018[2] permezz ta' liema din il-kawża ġiet riappuntata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Maġistrat sedenti għall-Ħamis 17 ta' Mejju 2018 fl-10:15a.m.;

Rat li waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[3], l-Ispettur Robert Vella taħt ġurament qara u ippreżenta l-akkużi miġjuba fil-konfront ta' l-imputati u ppreżenta l-Kunsens ta' l-Avukat Ġenerali a tenur ta' l-Artikolu 370(4) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta[4];

Rat li entrambe l-imputati ddikjaraw li ma għandhomx oġġezzjoni li l-każ tagħhom jiġi trattat bi proċedura sommarja w entrambe ddikjaraw li ma humiex ħatja ta' l-akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom[5];

Semgħet ix-xhieda ta' PS1195 Conrad Debattista[6] mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019 u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "CD" a fol. 47 u 48 tal-proċess, semgħet ix-xhieda ta' Stephen Cachia, rappreżentant ta' Transport Malta, mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[7] u rat id-dokument esebit minnu markat Dok. "SC" a fol. 51 sa' 55 tal-proċess u semgħet ix-xhieda ta' l-Ispettur Robert Vella mogħtija waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019[8] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "RV1" sa' Dok. "RV4" a fol. 57 sa' 71 tal-proċess;

Rat illi waqt is-seduta ta' l-20 ta' Mejju 2019 l-imputati entrambe ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għar-reati dedotti fil-konfront tagħhom;

Rat li waqt is-seduta tad-19 ta' Settembru 2019[9], il-Prosekuzzjoni ddikjarat li għall-finijiet ta' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputati, tistrih fuq l-atti minn fejn jirriżultaw in-notifiki ta' l-istess imputati u b'hekk dwar tali eċċezzjoni ma għandhiex provi xi tressaq;

Rat li waqt is-seduta tat-22 ta' Ottubru 2019[10], l-imputati ddikjaraw li l-provi relattivi għall-eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni già jirriżultaw mill-atti u b'hekk ma għandhomx provi ulterjuri x'jressqu;

---

[1] Fol. 20 tal-proċess.
[2] Fol. 24 tal-proċess.
[3] Fol. 39 tal-proċess.
[4] Fol. 41 tal-proċess.
[5] Fol. 42 u 43 tal-proċess.
[6] Fol. 44 sa' 46 tal-proċess.
[7] Fol. 49 u 50 tal-proċess.
[8] Fol. 56 tal-proċess.
[9] Fol. 75 tal-proċess.
[10] Fol. 76 tal-proċess.

Rat li waqt is-seduta tat-23 ta' Jannar 2020[11], il-Qorti kkonċediet lill-Prosekuzzjoni sa' l-14 ta' Frar 2020 għall-preżentata tan-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħha u ikkonċediet lill-imputati sat-2 ta' Marzu 2020 għall-preżentata tan-Noti Responsivi tagħħom. Rat li ebda waħda minn dawn in-Noti ma ġiet ippreżentata;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati Joseph Muscat u Gordon Dimech flimkien qed jiġu akkużati talli nhar il-31 ta' Marzu 2011 għall-ħabta ta' 15:30hrs u fix-xhur ta' qabel ġewwa dawn il-Gżejjer: (1) sabiex jiksbu vantaġġ jew benefiċċju għalihom infushom jew għal ħaddieħor f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika xjentement għamlu dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew taw tagħrif falz billi waħħlu liċenzja tal-windscreen li tappartjeni vettura oħra bin-Numru ta' Reġistrazzjoni oriġinali CBE-586 u bin-Numru ta' Reġistrazzjoni CBB-182, liema numri jappartjenu vetturi oħra; (2) għamlu falsifikazzjoni jew xjentement għamlu użu minn xi dokument ieħor falsifikat billi waħħlu liċenzja tal-windscreen bin-numru serjali G-096294 li tappartjeni vettura oħra bin-Numru ta' Reġistrazzjoni oriġinali CBE-586 u Numru ta' Reġistrazzjoni oriġinali CBB-182; (3) bħala persuni għad li ma kienux waħda mill-persuni imsemmija fil-paragrafi (a), (b) u (ċ) b'xi mod li jkun xjentement għenu jew assistew lill-awturi tad-delitt att li bihom id-delitt ikun ġie preparat jew ikkunsmat. L-imputat Gordon Dimech waħdu qed jiġi akkużat ukoll talli fil-31 ta' Marzu 2011 u fix-xhur ta' qabel għamel xi ħaġa mingħajr liċenzja ta' l-awtorità kompetenti meta din il-liċnejża hija meħtieġa minn Liġi jew minn regolamenti meta għamilha ta' Auto Dealer.

L-imputati entrambe wieġbu li ma humiex ħatja ta' l-akkużi dedotti fil-konfront tagħħom u ssollevaw l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għar-reati dedotti kontrihom.

L-imputati <u>flimkien</u> essenzjalment qed jiġu akkużati tar-reati kontemplati fis-segwenti artikoli tal-Liġi:

**L-ewwel akkuża** r-reat ta' dikjarazzjoni falza jew tagħrif falz lil awtorità pubblika, kontemplat **fl-Artikolu 188(1) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *kull min, sabiex jikseb xi vantaġġ jew benefiċċju għalih innifsu sew għal ħaddieħor, f'xi dokument maħsub għal xi awtorità pubblika, xjentement jagħmel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew jagħti tagħrif falz, jeħel, meta jinstab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn sentejn jew multa: Iżda ebda ħaġa f'dan l-artikolu ma tolqot l-applikabbiltà ta' xi liġi oħra li tipprovdi għal piena ogħla.*

**It-tieni akkuża** r-reat ta' każijiet oħra ta' falsifikazzjoni w użu ta' dokumenti foloz kontemplat **fl-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *kull min jagħmel falsifikazzjoni oħra jew xjentement jagħmel użu minn xi dokument ieħor falsifikat, mhux imsemmija fl-artikoli ta' qabel dan it-Titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sitt xhur, u jekk ikun uffiċjal jew impjegat pubbliku b'abbuż tal-kariga jew impieg tiegħu, il-piena tkun ta' priġunerija minn seba' xhur sa' sena.*

---

[11] Fol. 77 tal-proċess.

**It-tielet akkuża** r-reat ta' kompliċità fid-delitti kontemplat fl-**Artikolu 42(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta**, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija - (d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni imsemmija fil-paragrafi (a),(b) u (ċ), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat.* L-Artikolu 43 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi li: *barra minn meta l-liġi tgħid xort' oħra, il-kompliċi f'delitt jeħel il-piena stabbilita għall-awtur.*

**L-akkuża fil-konfront ta' l-imputat Gordon Dimech waħdu** l-kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku kontemplata fl-**Artikolu 338(gg) tal-Kap.9 tal-Liġijiet** ta' Malta, liema artikolu tal-Liġi jipprovdi li: *huwa ħati ta' kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min: ... (gg) minn barra mill-każijiet imsemmijin espressament f'dan il-Kodiċi jew f'liġi oħra, jagħmel xi ħaġa mingħajr liċenza ta' l-awtorità kompetenti meta din il-liċenza hija meħtieġa minn liġi jew minn regolamenti magħmulin mill-awtorità kompetenti bis-saħħa ta' dik il-liġi.*

It-termini tal-preskrizzjoni għar-reati li bihom qed jiġu akkużati l-imputati huma ta': (i) tlett xhur fir-rigward ta' l-akkuża dedotta fil-konfront ta' l-imputat Gordon Dimech waħdu u dan a tenur ta' l-Artikolu 688(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; (ii) ta' sentejn fir-rigward tat-tieni u possibilment anke tat-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta fil-konfront ta' l-imputati flimkien, u dan a tenur ta' l-Artikolu 688(e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta; u (iii) ta' ħames snin fir-rigward ta' l-ewwel u possibilment anke tat-tielet akkuża, skond il-każ, u dan a tenur ta' l-Artikolu 688(d) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fil-każ in eżami oriġinarjament l-imputati kien tressqu biex jirrispondu għall-akkużi odjerni quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha u mill-atti proċesswali, senjatament mir-riferti esebiti, jirriżulta li l-imputati kienu ġew notifikati, fil-**11 ta' Awwissu 2011** in kwantu rigwarda l-imputat Joseph Muscat[12] u fit-**28 ta' Ottubru 2011** in kwantu rigwarda l-imputat Gordon Dimech[13]. Tul iż-żmien li damu pendenti dawk il-proċeduri, iż-żewġ imputati ġew notifikati diversi drabi bis-seduti li kellhom jinżammu hekk kif jirriżulta mir-riferti a fol. 16 sa' 19 tal-proċess. Fit-**3 ta' Lulju 2012** però il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha ddikjarat li *f'każ ta' ħtija ai termini ta' l-Artikolu 167(3) tal-Kapitolu 9, il-piena teżorbita l-kompetenza tagħha u għalhekk tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha. Il-Qorti tordna li l-atti jintbagħtu lir-Reġistratur tal-Qrati Kriminali sabiex l-atti jintbagħtu lill-Qorti li tisma' l-kumpilazzjonijiet*[14].

In segwitu għal tali Digriet il-proċeduri ġew assenjati lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, diversament presjeduta, u l-ewwel seduta nżammet fil-**31 ta' Ottubru 2012**[15] iżda dakinhar ma deher hadd. Inżammet seduta oħra fid-**19 ta' Frar 2013**[16] iżda reġa' ma deher ħadd u kawża tħalliet *sine die*. Eventwalment il-kawża ġiet assenjata lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kif presjeduta mill-Maġistrat sedenti u ġiet riappuntata għas-**17 ta' Mejju 2018**[17], f'liema seduta deher l-

---

[12] Fol. 5 tal-proċess.
[13] Fol. 15 tal-proċess.
[14] Fol. 20 tal-proċess.
[15] Fol. 22 tal-proċess.
[16] Fol. 23 tal-proċess.
[17] Fol. 24 tal-proċess.

imputat Joseph Muscat[18]. L-ewwel darba li deher l-imputat Gordon Dimech kien waqt is-seduta tal-**11 ta' Ġunju 2018**[19].

Huwa fil-kwadru ta' dawn il-fatti li l-imputati jeċċepixxu li r-reati li qed jiġu akkużati bihom, ilkoll marbuta mad-data tal-**31 ta' Marzu 2011 u x-xhur ta' qabel**, inkluż l-akkuża fil-konfront ta' l-imputat Gordon Dimech waħdu, bħala data u żmien ta' twettiq, huma ormai preskritti.

Il-Qorti tibda billi tosserva li kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Francis Cassar** deċiża mill-Qorti Kriminali fit-28 ta' Mejju 1998, *proprjament ma hemmx żewġ qarti, fis-sens ta' Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja. L-Artikolu 367 huwa ċar dwar dan: hemm Qorti waħda - Qorti tal-Maġistrati - għall-Gżira ta' Malta u qorti oħra għall-Gżejjer ta' Għawdex u Kemmuna. Kull waħda minn dawn għandha żewġ attribuzzjonijiet: bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għar-reati ta' kompetenza tagħha u bħala qorti istruttorja għar-reati ta' kompetenza superjuri.* B'hekk meta l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha ddikjarat li ma hijiex kompetenti biex tisma' u tiddetermina dawn il-proċeduri u bagħtet l-atti għand ir-Reġistratur biex jiġu assenjati lill-Qorti li tagħmel il-kumpilazzjonijiet, dawn il-proċeduri ma intbaghtux quddiem xi qorti oħra differenti iżda baqgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) però issa fil-vesti tagħha bħala Qorti Istruttorja.

Detto ciò però irid jittieħed kont ukoll ta' dak provdut fl-Artikolu 687(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta fir-rigward tad-dekors tat-terminu ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat. Fl-imsemmi provvediment tal-Liġi fil-fatt jingħad illi: *iż-żmien ta' preskrizzjoni għar-rigward ta' kull reat kriminali għandu jkun sospiż mill-waqt li imputazzjoni u, jew att ta' akkużi jiġu notifikati lill-persuna akkużata jew imputata sa' dak iż-żmien meta tingħata sentenza finali u definittiva fil-proċedimenti li jkunu nbdew bħala riżultat ta' dik l-imputazzjoni jew att ta' akkuża.* Minn dan il-provvediment tal-Liġi jirriżulta li tul il-kors ta' proċeduri fejn l-imputat ikun ġie debitament notifikat bl-imputazzjoni jew att ta' akkuża skond il-każ, it-terminu tal-preskrizzjoni fir-rigward tar-reat/i li jkun qed jiġi akkużat bih/bihom jiġi **sospiż** u jibqa' hekk sospiż sakemm tingħata sentenza finali u definittiva. Fil-fehma tal-Qorti però tali terminu ta' preskrizzjoni jibqa' sospiż tul il-proċeduri *in corso* dement li ma jinqala' xejn - li naturalment ma hijiex sentenza finali u definittiva - tul il-kors ta' dawk il-proċeduri li b'xi mod iwassal għall-kontinwazzjoni tad-dekors ta' l-istess terminu ta' preskrizzjoni relattiv għar-reat/i in kwistjoni. Dak huwa eżattament li ġara fir-rigward tal-każ in eżami.

Fil-fehma tal-Qorti hekk kif fit-**3 ta' Lulju 2012** il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha ddikjarat li ma hijiex kompetenti biex tisma' u tiddetermina l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputati u bagħtet l-atti biex jiġu assenjati lill-qorti li tisma' l-kumpilazzjonijiet, minn dakinhar it-terminu ta' preskrizzjoni li sa' dak iż-żmien kien sospiż reġa beda jiddekorri, ossia kompla jiddekorri fir-rigward tar-reati li bihom qed jiġu akkużati l-imsemmija imputati

[18] Fol. 25 tal-proċess.
[19] Fol. 27 tal-proċess.

Sad-data tan-notifika ta' l-imputat Joseph Muscat - ossia sal-11 ta' Awwissu 2011 - kienu laħqu għaddew erba' xhur u ħdax-il ġurnata mit-termini oriġinali ta' preskrizzjoni ta' ħames snin u sentejn applikabbli fir-rigward tar-reati li bihom qed jiġi akkużat. Sad-data tan-notifika ta' l-imputat Gordon Dimech - ossia sat-28 ta' Ottubru 2011 - kienu laħqu għaddew sitt xhur u tmienja u għoxrin ġurnata mit-termini originali ta' preskrizzjoni ta' ħames snin, sentejn u tlett xhur applikabbli għar-reati li bihom qed jiġi akkużat.

Minn dan appena osservat jirriżulta immedjatament evidenti li r-reat li bih qed jiġi akkużat l-imputat Gordon Dimech **waħdu** kien già preskritt fiż-żmien tan-notifika quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fil-kompetenza oriġinali tagħha, u dan a tenur ta' l-Artikolu 688(f) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta. La t-terminu kien laħaq iddekorra u dan fiċ-ċirkostanzi ma jerġax jibda jiddekorri mill-ġdid, ma għandux ikun hemm dubju li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputat Gordon Dimech għandha tiġi milqugħa fir-rigward ta' l-akkuża dedotta fil-konfront tiegħu waħdu.

In kwantu rigwarda r-reati li bihom qed jiġu akkużati l-imputati flimkien, jiġi osservat illi mit-termini originali ta' ħames snin (relattiv għar-reati previsti fl-ewwel u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotti fil-konfront tagħhom) u ta' sentejn (relattiv għar-reati previsti fit-tieni u t-tielet akkuża, skond il-każ, dedotti fil-konfront tagħhom) kien baqa' u b'hekk reġa' beda jiddekorri: fir-rigward ta' l-imputat Joseph Muscat - (i) it-temrinu ta' erba' snin seba' xhur u għoxrin ġurnata għall-fini tar-reat kontemplat fl-ewwel akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta fil-konfront tiegħu; u (ii) it-terminu ta' sena seba' xhur u għoxrin ġurnata għall-fini tar-reat kontemplat fit-tieni akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta fil-konfront tiegħu. Dan ifisser għalhekk illi l-imputat Joseph Muscat kellu jiġi notifikat sa' mhux iktar tard mit-**23 ta' Frar 2017** fir-rigward tar-reat previst fl-ewwel akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta kontrih u sa' mhux iktar tard mit-**23 ta' Frar 2014** fir-rigward tar-reat previst fit-tieni akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta kontrih; u fir-rigward ta' l-imputat Gordon Dimech (iii) it-terminu ta' erba' snin ħames xhur u tlett ijiem għall-fini tar-reat previst fl-ewwel akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta fil-konfront tiegħu; u (iv) it-terminu ta' sena ħames xhur u tlett ijiem għall-fini tar-reat previst fit-tieni akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta fil-konfront tiegħu. Dan ifisser għalhekk illi huwa kellu jiġi notifikat sa' mhux iktar tard mis-**7 ta' Diċembru 2016** fir-rigward tar-reat kontemplat fl-ewwel akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotta kontrih u sa' mhux iktar tard mis-**7 ta' Diċembru 2013** għall-fini tar-reat kontemplat fit-tieni akkuża u fit-tielet akkuża, skond il-każ, dedotti fil-konfront tiegħu.

Għalkemm l-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nżammet fil-**31 ta' Ottubru 2012**[20] u nżammet seduta oħra fid-**19 ta' Frar 2013**[21], f'entrambe l-każijiet ma deher ħadd u l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda riferta fir-rigward ta' l-imputati jew min minnhom biex turi li kienu ġew notifikati. Wara li l-kawża tħalliet *sine die* fid-19 ta' Frar 2013, din reġgħet ġiet riappuntata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja presjeduta mill-Maġistrat sedenti għas-**17 ta' Mejju 2018**[22]. Fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2018 deher l-imputat Joseph Muscat u għalkemm ma ġietx esebita riferta relattiva għan-notifika tiegħu għandu jsegwi li huwa ġie notifikat bil-proċeduri pendenti quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja **f'xi żmien bejn it-2 ta' April 2018, id-data tad-Digriet ta'**

[20] Fol. 22 tal-proċess.
[21] Fol. 23 tal-proċess.
[22] Digriet datat 2 ta' April 2018 a fol. 24 tal-proċess.

**riappuntament, u s-17 ta' Mejju 2018**. L-imputat Gordon Dimech ma deherx għas-seduta tas-17 ta' Mejju 2018 u ma ġiet ippreżentata l-ebda riferta fir-rigward tiegħu da parte tal-Prosekuzzjoni. Kull ma ntqal kien li huwa ma deherx għaliex kien jinsab indispost. L-ewwel darba li Gordon Dimech deher quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja kien fis-seduta tal-11 ta' Ġunju 2018 u minn riferta li ġiet esebita a fol. 29 tal-proċess jirriżulta li huwa ġie notifikat fis-**17 ta' Mejju 2018** għas-seduta tal-11 ta' Ġunju 2018. Jirriżulta wkoll li l-ewwel darba li l-akkużi dedotti fil-konfront ta' l-imputati ġew moqrija lilhom kien fl-**20 ta' Mejju 2019**.

Minn dan kollu osservat ampjament jirriżulta li r-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputati **flimkien**, ossia r-reati dedotti fl-ewwel, it-tieni u t-tielet akkużi miġjuba fil-konfront tagħhom, huma wkoll preskritti u dan a tenur ta' l-Artikolu 688(d) u (e) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-imputati in kwantu għal kollox fondata fil-fatt u fid-dritt u konsegwentement tillibera lill-istess imputati mill-imputazzjonijiet **kollha** dedotti fil-konfront tagħhom.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**